



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5315/23

LIMITE

CORLX 46
CFSP/PESC 65
RELEX 35
COEST 26
FIN 34

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	13 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) 2022/2474 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument HR(2023) 6.

Mehmuż: HR(2023) 6

HR(2023) 6
Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill

tat-12/01/2023

għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) 2022/2474 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

HR(2023) 6
Limited

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/XXX
ta' [jj/xx/2023]

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2022/2474 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-
Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2474 tas-16 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(19) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2022/2274, li emenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 ⁽²⁾ u introduċa miżuri restrittivi ulterjuri biex jissospendi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew li huma diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2022/2274. Skont l-Artikolu 1(10) tar-Regolament (UE) 2022/2274, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew aktar minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.
- (2) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Frar 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2022/2274,

¹ ĠU L 322I, 16.12.2022, p. 1.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

HR(2023) 6 *Limited*

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri msemija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemija fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2022/2274.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President